25 ta' Ġunju, 1954

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Leonilda Falzon et. *versus* Veneranda Longobardo et.

**Wirt — Likwidazzjoni — Diviżjoni — Mara — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Dotarju — Spejjeż ta' l-Aħħar Marda — Liċitazzjoni — Art. 867 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-mara tibqa' ħajja wara r-raġel u tikkonkorri ma' werrieta oħra, għandu jgħodd akkont tas-sehem tal-ħwejjeġ li jmissha dak kollu li tkun akkwistat minn għand żewġha b'kull titolu gratuwitu, anki b'donazzjoni f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, kompriż id-dotarju. Dan ifisser li l-mara superstiti għandha timputa d-dotarju għall-kwota ereditarja tagħha; b'mod li, jekk jirriżulta li dik il-kwota hija superjuri għad-dotarju, l-istess dotarju għandu jitnaqqas minn dik il-kwota fl-interezza tiegħu.*

*L-ispejjeż ta' l-aħħar marda, skond il-ġurisprudenza tagħna, għandhom jiġu, bħala regola, addebitati lill-komunjoni ta' l-akkwisti peress li jkun dejn li sar meta l-komunjoni kienet għadha sseħħ.*

*Il-pretensjoni ta' wieħed mill-werrieta kondividenti li jżomm il-beni kollu in natura, u jħallas bi flus is-sehem rispettiv tal-werrieta l-oħra, mhix aċċettabili, għax inkella d-diviżjoni tiddeġenera f'bejgħ; u jekk il-beni ma jkunux diviżibili komodament u mingħajr ħsara, għandhom jiġu liċitati, għax kull min għandu sehem minn dawk il-beni huwa ntitolat jużufruwixxi mill-vantaġġi tal-liċitazzjoni.*

Il-Qorti — Rat ic-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fil-25 ta' Awissu 1942 (dok. A) miet Egidio Longobardo mingħajr testment u bla tfal; u ħalla superstiti lill-konvenuta martu Veneranda Longobardo u l-kontendenti l-oħra ħutu, barra mill-attur Vincenzo Baldacchino li ssuċċieda fil-wirt ta' martu Bernardina, oħt id-decujus, in forza ta' testment; u billi l-atturi ma jridux jibqgħu in komunjoni mal-konvenuti; talbu li jkun likwidat l-assi soċjali konjugali ġà eżistenti bejn il-miżżewġin Veneranda u Egidio Longobar-

do, billi jkun dikjarat jikkonsisti f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; għaliex dana l-assi hekk likwidat ma għandux ikun maqsum f'żewġ porzjonijiet xorta waħda, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-assi partikulari tal-konvenuta Veneranda Longobardo u l-oħra lill-assi partikulari ta' l-imsemmi Egidio Longobardo, billi jkun dikjarat jikkonsisti f'nofs l-assi soċjali kif fuq likwidat u f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; dana l-assi hekk likwidat ikun maqsum bejn il-kontendenti, billi minnu tiġi assenjata terza parti (1/3) lill-konvenuta Veneranda Longobardo, u waħda minn sitt parti (1/6) lil kull wieħed mill-kontendenti l-oħra; ikunu nominati perit biex jagħmel il-likwidazzjonijiet u d-diviżjonijiet fuq mitluba, nutar biex jippubblika l-att relativ, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi r-relazzjoni tal-perit legali ġiet minn xi wħud mill-kontendenti kritikata fuq tliet punti biss: (1) rigward id-dotarju dovut lill-konvenuta Veneranda Longobardo, li l-perit ma ħaqqasx mill-kwota tagħha ereditarja; (2) rigward l-ispejjeż ta' l-aħħar marda ta' Egidio Longobardo, li l-perit addebita lill-assi partikulari tiegħu flok poġġihom fil-passiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti; (3) u rigward id-diviżjoni ta' l-immobili, li l-perit ippropona li jinqasmu skond l-alternativi suġġeriti fil-parti konklużjonali tar-rapport (fol. 171), mentri jmisshom jinbiegħu f'liċitazzjoni u jinqasam ir-rikavat tal-bejgħ;

Illi, kwantu għall-ewwel obbjezzjoni, skond l-art. 867 (Kod. Ċiv.), meta l-mara tibqa ħajja wara r-raġel u tikkonkorri ma' werrieta oħra, għandu jgħodd akkont tas-sehem tal-ħwejjeġ li jmissha dak kollu li tkun akkwistat minn għand żewġha b'kull titolu gratuwitu, anki b'donazzjoni f'kontemplazzjoni taż-żwieġ, kompriż id-dotarju. Għal dina l-obbjezzjoni l-konvenuta ma rrispondietx, u rrimettiet ruħha, kif jidher, għal-liġi. Id-dispożizzjoni fuq riferita hija ċara, u timporta li d-dotarju għandu mill-mara superstiti jiġi mputat għall-kwota ereditarja tagħha. Issa, jirriżulta li dina l-kwota, kif

stabbilita mill-perit legali, sejra tkun posta superjuri għall-ammont tad-dotarju, u għalhekk l-istess dotarju għandu jitnaqqas minn dik il-kwota fl-interezza tiegħu. Konsegwentement l-attiv ta' l-assi partikulari ta' Egidio Longobardo għandu jiżdied bis-somma ta' £100, li minnha jibbenefikaw dawk kollha li huma msejħin għal dak l-assi;

Illi, kwantu għat-tieni obbjezzjoni, il-Qorti tinnota li, skond il-ġurisprudenza tagħna, l-ispejjeż ta' l-aħħar marda għandhom jiġu, bħala regola, addebitati għall-komunjoni ta' l-akkwisti, peress li jkunu dejn li sar meta dik il-komunjoni tkun għadha sseħħ. Issa, fil-każ tagħna hemm ukoll li dawk l-ispejjeż, ammontanti għal £8. 10. 0, tħallsu, sija pure wara l-mewt ta' żewġha, iżda mill-£10 li kien hemm fid-dar, li preżumibilment kienu jappartjenu lill-komunjoni. Għalhekk il-partita fuq imsemmija ta' £8. 10. 0 għandha tiġi mneħħija mill-passiv ta' l-assi partikulari ta' Egidio Longobardo u tiġi inkluża fl-attiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi, kwantu għal-liċitazzjoni ta' l-istabili, il-kontendenti jaqblu li għandhom jinbiegħu, barra mill-konvenuta Longobardo, li tissuġġerixxi li żżomm il-bini kollu u tħallas bi flus is-sehem rispettiv lill-kontendenti l-oħra. Dina l-proposta, però, mhix aċċettabili; għaliex id-diviżjoni tiġi tiddeġenera f'bejgħ, mentri kull min għandu sehem minn dak il-bini hu intitolat li jiffruwixxi mill-vantaġġi tal-liċitazzjoni. Rigward, imbagħad, li l-fondi mhumiex diviżibili komodament u mingħajr ħsara, ma jidherx li hemm kontestazzjoni, u del resto hija ħaġa wkoll evidenti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Previa adozzjoni tal-konklużjonijiet peritali safejn kompatibili;

Tiddeċidi billi;

(1) Tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejn Egidio e Veneranda Longobardo, u tiddikjara li hija tikkonsisti fil-ġid u fil-passiv deskritti taħt l-ittra "A" tar-Riepilogu tar-relazzjoni peritali (fol. 165 sa 168 tal-process), salvi l-modifiki li saru neċessarji minħabba l-punti riżoluti b'din is-sentenza;

(2) Tordna d-diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti f'żewġ porzjonijiet indaqs...........;

(3) Tillikwida l-assi partikulari ta' Egidio Longobardo, u tiddikjara li dana l-assi jikkonsisti.................;

(4) Tordna d-diviżjoni ta' l-assi partikulari ta' Egidio Longobardo, billi tiġi assenjata t-terza parti..............;

(5) Tordna li l-beni immobili kollha jiġu mibjugħin b'liċitazzjoni, bl-ammissjoni ta' offerti barranin............;

(6) Tinnomina lin-Nutar Dr. Philip Saliba, LL.D., biex jippubblika l-kuntratt relativ.................;

L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti fil-proporzjon talkomparteċipazzjoni tagħhom fl-assijiet fuq likwidati u diviżi.